**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Jannar, 2016**

**Rikors Nru: 178/2015 MLF**

**Elmo Insurance Limited**

**vs**

**Fabian Mifsud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti, konfermat bil-gurament minn Dottor Alessia Zammit McKeon, debitament awtorizzata, fejn esponiet:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti pprezentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-20 t'April, 2009, liema ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-intimat fis-26 ta' Awwissu, 2009 (Dok A);
2. Illi l-istess intimat naqas milli jipprezenta risposta fl-atti tal-imsemmija ittra ufficjali fi zmien stipulat mill-ligi, u cioe' fi zmien tletin gurnata minn-notifika. Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici versu l-intimat;
3. Illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta' mittenti kreditrici s-somma kumplessiva ta' €1,238.67, rapprezentanti €580.61 bhala bilanc tas-sorte u dan in segwitu ghal zbank fl-ammont ta' €143.83 permezz tac-cedola numru 1896/2012, €347.04 bhala imghax in kwantu ghal €307.08 rappresentanti l-imghax dekorribbli fuq l-ammont ta' €724.44 mill-20 t'April, 2009 sas-6 t'Awwissu, 2014 (data tal-hlas tal-ammont fuq indikat) u €39.96, rappresentanti l-imghax dekorribbli fuq il-bilanc ammontanti ghal €580.61

mis-7 t'Awwissu 2014 sal-lum, u €311.02 bhala spejjes gudizzjarji (inkluz il-VAT) u dana kollu a tenur tat-titolu ezekuttiv sovra menzjonat;

4. Illi ghalkemm ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-imsemmi titolu ezekuttiv, is-socjeta' rikorrenti ghad ghandha interess tezegwixxi l-istess titolu stante li l-intimat debitur ghadu ma saldax il'fuq imsemmi kreditu;
5. Illi, in ottempranza ta' dak sancit fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avv. Alessia Zammit McKeon bhala mandatarja specjali tas-socjeta' rikorrenti kreditrici ghall-fini ta' dan l-att, qieghda tikkonferma bil-gurament taghha l-kontenut u l-veracita' ta' dak sovra premess;
6. Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah tezegwixxi t-titolu ezekuttiv lilha moghti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "Elmo Insurance Limited vs. Fabian Mifsud" (Referenza Numru 2262/2009) u dan ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat giet debitament notifikat fis-6 ta' Lulju, 2015, izda dan nonostante ma pprezentax risposta u lanqas deher fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2016.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2016 Dottor Alessia Zammit McKeon, ghas-socjeta rikorrenti, ikkonfermat bil-gurament illi l-ammont imsemmi fir-rikors promotur ghadu dovut fl-intier tieghu u li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-intimat ma kien ghamel l-ebda pagament akkont.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Dottor Alessia Zammit McKeon, li ma giet bl-ebda mod kontradetta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti, u tawtorizzaha tezegixxi t-titolu ezekuttiv lilha moghti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ismijiet "Elmo Insurance Limited vs Fabian Mifsud" (Referenza Numru 2262/2009) u dan ai termini tal-Artikolu 258 *et seq.* tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**